MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 501/2010

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Dennis Pullicino u l-istess Dennis Pullicino**

**vs**

1. **Kunsill Lokali Paola**

2. **Water Services Corporation**

3. **Transport Malta ga' l-awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u skond il-verbal tat-28 ta' Mejju 2010 it-tielet konvenut jigi jaqra "Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta" u b'digriet tat-28.04.11 giet nominata kjamat in kawza Pada Builders Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra** li l-AVVIZ jghid hekk:-

1. Nhar is-16 ta' Frar 2008 sehh incident gewwa Triq il-Palma, Paola ghall-habta tas-6.40pm illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT 436 propjeta' ta' l-attur Dennis Pullicino soffriet hsarat ingenti. Dan l-incident sehh

bhala rizultat ta' xoghol taskurat, u/jew mhux skond is-sengha u l-arti, u/jew minhabba nuqqas ta' senjaletika in konnessjoni ma' l-istess xoghol illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom;
2. Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja jew non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut jew min minnhom

3. Illi ghalhekk il-konvenuti b'mod *in solidum* jew min minnhom, ghandhom jigu kkundannati sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija, sitta u sittin Ewro u disgha u sittin centemzu (€966.69), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin Ewro (€55.00) l-*excess payment* illi l-attur Dennis Pullicino hallas in konnessjoni ma dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u hdax-il Ewro u disgha u sittin centezmi (€911.69c), d-danni kollha sofferti illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar 2010, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta l-4 ta Jannar 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti b'mod *in solidum* bejniethom jew min minnhom, illi jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li tghid li hi mhiex edotta mill-fatti ta' dan l-incident u ma jirrizultalhiex li hi ghamlet xi xoghol ta' thaffir fit-triq u fiz-zmien indikat fl-AVVIZ. Ghalhekk, b'riserva ta' presentata ta' RISPOSTA ulterjuri jekk ikun il-kaz, it-talbiet ghandhom, fil-konfront taghha, ikunu michuda.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Transport Malta li, apparti fejn giet indikata l-htiega ta' korrezzjoni fl-isem – haga li saret, hija hekk:-

1. Illi in linea preliminari, l-Awtorita' intimata m'hiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni allegati u pretizi huma eccessivi u qed jigu kkontestati

**Ra** r-RISPOSTA tal-Kunsill Lokali Paola li hi hekk:-

1. Illi x-xoghlijiet li dwarhom qed jilmintaw l-atturi ma sarux mill-Kunsill.

2. Fi kwalunkwe kas, is-senjaletika responsabbli minnha l-Kunsill kienet cara u skond il-ligi.

**Ra** r-RISPOSTA tas-socjeta' imsejjha fil-kawza Pada Builders Ltd li hi hekk:-

1. Il-pretensjoni attrici hi preskritta fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti *ai termini* tal-art 2153 tal-Kodici Civili

2. Is-socjeta' m'ghandha ebda responsabilta' ghal dak li jinghad li gara.

**Ra** li b'sentenza tal-31 ta' Ottubru 2012 intlaqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-art 2153 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kumpanija msemmija nharget mill-kawza u l-kawza ssuktat kontra l-Konvenuti.

II PROVI

1. It-Tribunal qed hawn igib xi siltiet mill-provi li izda ghandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu mressaq quddiemu u li jinsab fl-atti tal-kawza.

2. **Dennis Pullicino** qal li fil-jum u hin imsemmija fl-AVVIZ kien isuq li Skoda Favorit nru CAT 436 fuq tarmac gdid u f'daqqa wahda nizel f'gandott u sama l-makna tehel ma tappiera. Fit-triq ma kien hemm ebda sinjali relativi. Fir-rigward esibixxa r-ritratti Dok DP1 sa 7. Billi kien Frar, l-incident sehh fid-dlam. Xi nies fuq il-post qalulu li dak ma kienx l-ewwel incident. Sejjah lill-Pulizija li gew dak il-hin. Il-car ma setghetx timxi. Hallsulu tal-hsara Fogg Insurance, assikuraturi tieghu barra l-*excess*. Speed kellu xi 25/30 kfs. It-tappiera ma ndunax biha u kieku nduna ried imur "wrong side" biex jevitaha.

3. **Simon Paris**, Claims Manager ta' Fogg Insurance Agencies Ltd xehed b'affidavit (*fol* 72 *et seq*) u esibixxa Dok SP1 sa 7. Biex tissewwa li Skoda, skond is-*survey report* Dok SP1 *plus* VAT, htiegu €1,071.97 (ara l-affidavit ghal dettalji). Billi l-*pre-accident value* kien joqrob il-kont tat-tiswija, l-assikurat accetta s-somma ta' €931.75 (ara *discharge* receipt Dok SP2) u dana wara li lir-*wreck* tawh kalkolu ta' €349.40. L-*excess* hu ta' €55.

4. **Alfred Farrugia**, *surveyor*, ezamina li Skoda fuq inkarigu ta' Fogg u esibixxa s-*survey report* u ritratti (Dok AF1 u 2, *fol* 109/110).

5. **PS1549 Brian Caruana** esibixxa d-Dok BC1 (*fol* 106) li hu Current Incident Report. Hemm li gew mgharrfa bl-incident mill-"Control Room" tal-Police HQ u hemm ir-rakkont tal-incident (*fol* 108) kif tahulhom Dennis Pullicino, li jaqbel ma dak li xehed. Ikkonferma li ra l-gandott u ma jiftakarx kienx hemm senjalitika jew le. Zied li **bhala dawl fit-triq hemm huwa ftit mudlam**. Li Skoda ma setghetx tinsaq minn fuq il-post u kien hemm xi fluwidu fl-art.

6. **Nicholas Baldacchino,** *Legal Support Manager* fl-ATM qal li Triq Palma ma taqax taht l-Awtorita' ghax mhiex triq arterjali jew distributorja (Dok NB1 *a fol* 115). B'danakollu kien hemm cirkostanzi fejn l-Awtorita giet inkarigata

tmexxi xoghol hi, fosthom Triq Palma u din, wara process ta' *tendering*, qabbdet lil Pada Builders Ltd (Dok NB3)

7. **<u>Zied:</u>** fl-istess ftehim hemm miktub fl-ahhar pagna li l-istess Pada Builders huma responsabbli sabiex ikun hemm dawk il-mizuri necessarji kif hemm imnizzel fl-istess dokument meta jkun hemm dawn ix-xoghlijiet ghaddejjin". Suppost persuni mill-Awtorita' imorru fuq il-post u jaraw li l-kuntrattur iqieghed sinjali kif suppost. Il-perit inkarigat mix-xoghol (Daniel Cordina) m'ghadux jahdem mal-Awtorita. Il-*hot asphalt* tqieghed fit-12/3/2008 u "jassumi li x-xoghol spicca dak in-nhar".

8. **<u>Kurt Scerri</u>**, xehed fl-udejnza tad-29 ta' Jannar 2015 qal li kien ilu sena bhala Segretarju tal-Kunsill u sata jixhed biss minn dokumenti tal-Kunsill. Ma jirrizultalux li l-Kunsill ghamel xi manutenzjoni f'dik it-triq. Fuq kontro-ezami tal-ATM qal li ma jirrizultalu xejn mill-minuti dwar manutenzjoni fi Triq Palma. Gieli gara li jsiru xoghlijiet bla ma jkun hemm riferenza fil-"files" tal-Kunsill.

9. **<u>Ivan Mifsud</u>**, *Senior Administrator* fis-sezzjoni tat-*trenching* tal-WW qal li jirrizultalu li kien sar xi xoghol fi Triq Palma. It-tappieri tal-ilma jkunu zghar, tad-drenagg kbar. Minn ricerka jirrizultalu li kien sar xi xoghol ghal nofs Frar. Hu ma setax jati taghrif dettaljat.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jirrizulta li meta gara l-incident kienu jsiru go Triq Palma xoghlijiet ta' *resurfacing* fuq struzzjonijiet tal-Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta. Wara t-*tendering process* tas-soltu ix-xoghol nghata lil Panda Builders Ltd.

2. Jirrizulta, mix-xhieda ta' Dennis Pullicino (li t-TRIBUNAL isibha rassikuranti) li l-incident gara meta kien dalam u li fit-triq ma kienx hemm senjalitika (la adegwata u anqas mod iehor). PS 1594 Brian Caruana qal li dwar senjalitika ma jiftakarx izda affirma li "hemmhekk huwa ftit mudlam". Anqas hemm xi prova li l-Attur kien isuq b'xi speed irragjonevoli.

3. Hawn ta' min josserva li l-Awtorita' qadet lura milli tressaq provi li setghet tressaq: **lampantament** ma ngiebx il-perit inkarigat mix-xoghol (li tghid li m'ghadux mal-ATM mhiex skuza) u ma ngab hadd minn Panda Builders. Tela jixhed Segretarju Esekuttiv li ma kienx f'din il-kariga meta sar xoghol ta' certa' portata fi triq ewlenija bhalma hi Triq Palma u xejn ma kien izomm li jittella jixhed is-Seg. Ezek li kien mal-Kunsill ta' Rahal Gdid fi Frar 2008.

4. Donnu li ghall-ATM, it-tmiem ta' sorveljanza spicca meta taw il-kuntratt lill-Panda biex tesegwixxi x-xoghol hi.

5. Dwar il-*quantum* tad-danni mitluba, it-TRIBUNAL hu soddisfatt bil-provi mressqa mill-Atturi.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) jil**q**a l-eccezzjonijiet tal-Water Services Corporation, (2) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta’ Rahal Gdid izda (3) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ ghat-Trasport ta’ Malta u (4) waqt li **jaccetta** dak li ntalab mill-Atturi jghaddi biex **jikkundanna** lill-Awtorita’ ghat-Trasport ta’ Malta biex thallas lil Fogg Insurance Agencies Ltd il-*quantum* mitlub ta’ disa’ mija u hdax-il Ewro u disgha u sittin centezmi (€911.69c) u lil Dennis Pullicino il-*quantum* ta’ hamsa u hamsin Ewro (€55.00) u dana bl-imghax mid-19 ta’ April 2010 u (5) **jikkundanna** lill-istess Awtorita biex thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-Avviz b’dana li (6) **jiddeciedi** li, fil-konfront tal-Water Services Corporation u l-Kunsill Lokali ta’ Rahal Gdid jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------